8 ta' Diċembru 2008

**STQARRIJA**

**VENDIKAZZJONIJIET FUQ PROĠETTI TAL-FKNK**

Fl-1 ta' Frar 1999 sar ftehim bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) biex il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' l-istruttura ta' guva fi Ġnien l-Infetti, filwaqt li l-FKNK tieħu ħsieb li tforni u tgħammar għasafar biex il-guva 'sseri ta' skop rikreattiv u edukattiv.

Sa minn dakinhar ix-xogħol ta' l-FKNK dejjem sar minn uffiċjali ta' l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Żebbuġ fi ħdan l-istess FKNK.

Sfortunatament matul dawn is-snin saru diversi atti vandali mhux biss fuq il-guva, pero' wkoll fuq id-diversi speċi ta' għasafar li kienu minn żmien għal żmien jitpoġġew fil-guva mill-Għaqda.

Sar żgass tal-bibien u saqaf tal-guva; twaddbu bombi tal-festi fuq il-post; ġieli anke nstabu siringi wżati u anke ħmieġ ieħor; eċċ. Fl-aħħar att vandalu li seħħ propju x-xagħar li għadda saħansitra inqala kantun mill-parti ta' wara tal-guva u nsterqu l-għasafar kollha li kienu fil-guva, fosthom Pluvieri, Imlievez, Sturnell, Gamiem, Alwett, Sponsuni, Ġojjini, Vrieden, Summien u speċi oħra ta' għasafar li jikklassifikaw bħala għasafar tal-gaġġa, bħal Amorini, Zebra finches u Diamond Doves, eċċ.

Is-Sotto Kumitat tal-Miżieb, ukoll fi ħdan l-FKNK, qiegħed anki s'issa jinnota u jsib vendikazzjonijet fuq ħafna mis-siġar fl-istess masġar tal-Miżieb, l-aktar tqaċċit bl-addoċċ ta' friegħi kif ukoll siġar, skart u ħmieġ li jitħalla wara xi barbikju, eċċ., u kif jidher fir-ritratti mehmuża.

Lino Farrugia
Segretarju